MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2012

Numru 36/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**John Grima**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 36 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat John Grima, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f' Jannar tas- sena elfejn u sitta (2006), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati illi persuna ta' nazzjonalita` Maltija kienet ser timporta ammont sostanzjali ta' droga illegali mill-Olanda. Filfatt fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006), il-pulizija tal- iskwadra kontra d-droga aċċedew fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fejn wara li saru l-kontrolli neċessarji flimkien mal-uffiċjali tad-dwana rriżulta li kienet instabet sustanża suspetuża ġewwa xi xemgħat li kienu qed jinġarru f'baskett appartenenti lil passiġier li kien għadu kif wasal Malta minn fuq titjira

tal-Airmalta minn Amsterdam bin-numru KM395 (Airmalta) u l-akkużat ġie identifikat bħala din il-persuna li kellu dan il-baskett, u li b'hekk kellu din is-sustanża illegali fil-pussess tiegħu.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li l-akkużat volontarjament u xjentement għamel vjaġġ mill-Olanda għal Malta fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) u dan meta kien jaf li kien qed jimporta ammont sostanzjali tad-droga kokajina u tal-weraq meħuda mill-pjanta cannabis wara li hu kien akkwista dawn is-sustanżi perikolużi mill-Olanda. In oltre l-akkużat xjentement akkwista żewġ xemgħat imdaqsin fejn wara li dawn ġew mħaffra minn ġewwa ġiet moħbija fihom is-sustanża kokajina fil-forma ta' sitt blokkok f'waħda u l-werqa tal-cannabis fl-oħra u dan sabiex ikun f'posizzjoni li jdaħħal is- sustanza ġewwa pajjiżna mingħajr ma jiġi interċettat mill-pulizija u/jew mill-uffiċjali responsabbli. Dawn ix-xemgħat sussegwentement instabu fil-baskett li kien qed jinġarr mill-akkużat mal-wasla tiegħu ġewwa l-ajruport internazzjonali ta' Malta u rriżulta li kienu jikkontjenu d-droga kokajina fl-ammont globali ta' disa' mija tmienja u tmenin punt ħames grammi (988.5 grammi) u l-pjanta tal-cannabis fl-ammont ta'dsatax punt tlett grammi (19.3 grammi) li kellhom il-purita` ta' ċirka sitta u tletin punt ħamsa fil-mija (36.5%) u ħdax punt tnejn fil-mija rispettivament (11.2%). Il-kokajina u l-pjanta tal-cannabis li jitqiesu bħala mediċina perikoluża u sustanza llegali skond il-Liġi tagħna, għandhom il-valur kumplessiv ta' ħamsa u sebgħin elf mija sitta u għoxrin Euro (€75,126) fir-rigward tal-kokajina u mitejn wieħed u ħamsin Euro (€251) fir-rigward tal-werqa tal-cannabis b'total ta' ħamsa u sebgħin elf, tlett mija sebgħa u sebgħin Euro (€75,377). L-akkużat għamel dan kollu sabiex din id-droga illegali tiġi mportata fi xtutna mingħajr ma' tiġi interċettata u sabiex l-akkużat ikun f'posizzjoni jittraffika din id-droga lil ħaddieħor hawn Malta. Effettivament li kieku l-uffiċjali tal-pulizija involuti fl-investigazzjoni ma ndunawx u ma nterċettawx lill-akkużat fil-mument opportun, din id-droga kienet tgħaddi f'idejn terzi persuni f'pajjiżna li faċilment setgħu jittraffikaw din id-droga perikoluża u illegali għal skopijiet ta' lukru.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi favur l-akkużat, li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi John Grima sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina u pjanta tal-*cannabis*) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenżja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi John Grima, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina u l-pjanta tal-*cannabis*) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u mmobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(d)(e), 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta

(2006) u fil-ġimgħat preċedenti għal din id-data, minħabba l-fatt li l-akkużat xjentement ħeba is-sustanża kokajina ġewwa waħda mix-xemgħat imdaqsa li kienet ġiet imħaffra għal dak l-iskop mill-istess akkużat u xjentement kien jaf li dawn kienu intiżi għal persuna jew persuni oħra, u minħabba l-fatt li s-sustanza suspettuża li instabet ġo fiha irriżultat, wara l-intervenzjonijiet mediċi u l-analiżi meħtieġa li saru, li filfatt kienet id-droga kokajina u cioe` mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, anki meta wieħed iqis il-*modus operandi* tat-trasport ta' din is-sustanza, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti tad-droga kokajina li hija sustanża perikoluża u llegali skond il-Liġi. Din is-sustanza perikoluża ma kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kap preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. In oltre l-ammont tad-droga kokajina li instabet kienet waħda konsiderevoli u ċioe' ta' disa' mija tmienja u tmenin punt ħames grammi (988.5 grammi) bil-purita` ta' ċirka sitta u tletin punt ħamsa fil-mija (36.5%) li ċertament ma' tindikax skop għall-użu personali.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-imsemmi John Grima sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li

jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi John Grima ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi finalment b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġimgħat preċedenti għal din id-data, minħabba l-fatt li l-akkużat xjentement ħeba il-weraq mill-pjanta tal-

cannabis ġewwa waħda mix-xemgħat imdaqsa li kienet ġiet imħaffra għal dak l-iskop mill-istess akkużat meta xjentement kien jaf li din kienet intiża għal persuna jew persuni oħra, u minħabba l-fatt li s-sustanza suspettuża li nstabet ġo fiha irriżultat, wara l-intervenzjonijiet mediċi u l-analiżi meħtieġa li saru, li filfatt kienet id-droga cannabis speċifikament il-weraq tagħha, u cioe` mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, anki meta wieħed iqis il-*modus operandi* tat-trasport ta' din is-sustanza, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti tad-droga cannabis li hija sustanża perikoluża u llegali skond il-Liġi. Din is-sustanza perikoluża ma kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. In oltre l-ammont tad-droga cannabis li instabet kienet waħda konsiderevoli u ċioe` ta' dsatax punt tlett grammi (19.3) bil-purita` ta' ċirka ħdax punt tnejn fil-mija (11.2%) liema ammont ċertament ma tindikax skop għall-użu personali.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

Illi b'għemilu l-imsemmi John Grima sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi John Grima ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha) il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha), meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 3 u 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-16 ta' Marzu, 2011 fl-ismijiet John Grima vs Avukat Generali li bih ordnat li r-rikorrent John Grima jitpogga fis-sitwazzjoni li kien qabel id-digriet tat-3 ta' Novembru 2006 moghti mill-Qorti tal-Magistrati u ordnat lill-Qorti, li issa ghandha kompetenza fuq il-kaz, sabiex fl-applikazzjoni tal-artikolu 579(1) tal-Kap. 9 tqis il-gravita` tal-ksur tal-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati, li bih tat il-helsien mill-

arrest lir-rikorrent u jekk, bhala konsegwenza, ghandhix tordna li l-garanzija tghaddix favur il-Gvern ta’ Malta in parti jew fl-interezza taghha.

Rat illi fost il-kondizzjonijiet imposti kien hemm dak ta’ “house arrest”.

Rat illi l-ksur tal-kondizzjonijiet kien jikkonsisti billi r-rikorrent gie notat barra mid-dar tieghu fil-hin u l-gurnata meta ma kienx hekk awtorizzat.

Rat illi wara li giet revokata l-liberta` provvizorja r-rikorrent rega` ghamel seba` xhur arrestat.

Rat l-artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tikkonferma d-dikjarazzjoni ta’ htija fis-sens illi r-rikorrent kiser wahda mill-kondizzjonijiet tal-liberta` provvizorja u ghalhekk tikkundannah ghall-multa ta’ erba` mitt Ewro (€400) izzomm ferm il-bqija tal-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati inkluz il-garanzija personali ta’ ghaxar telef lira (LM10,000), peress li tali ksur ma kienx ta’ tali gravita` li jinkobbi t-telf tal-garanzija personali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------